# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa 27 ta' Settembru, 2023**

**Rikors Nru: 60/18JG**
**Nru fuq il-Lista: 10**

**George Tabone (K.I. 480959M)**

**Vs**

**Anne Bonnici, Joanne Vella Muscat, Maria Darmanin, Bernardette Apap Bologna, Dr. Philip Manduca, Dr Anthony Darmanin, Carmel Farrugia, Vincent Farrugia, Rosette Farrugia, Joseph Farrugia**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 18 ta' Mejju 2018[1], flimkien mad-dokument hemm anness, fejn, *ad litteram,* ġie premess u ntalab is-segwenti:

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*Illi l-esponent huwa subinkwilin tal-hanut numru 253, Triq ir-Repubblika, Valletta u dan skond kif pattwit permezz ta' skrittura lokatizja ossia ta' sullokazzjoni mal-intimati Carmel Farrugia, Vincent Farrugia, Rosette Farrugia u Joseph Farrugia datata t-28 ta' Settembru, 1983;*

*Illi l-intimati l-ohra Anne Bonnici, Joanne Vella Muscat, Maria Darmanin, Bernardette Apap Bologna, Dr. Philip Manduca, Dr. Anthony Darmanin huma s-sidien tal-proprjeta' mertu ta' dan ir-rikors;*

*Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 1613(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenti jissottometti illi huwa stabbilixxa in-negozju tieghu bhala hanut tad-deheb ġewwa l-imsemmi fond sa mill-1983 u cioe' huwa ilu jopera mill-istess ghall-dawn l-ahhar hamsa u tletin sena;*

*Illi jinghad ukoll illi l-esponenti ilu ghal dawn l-ahhar snin jitlob kemm lill-proprejatarji intimate kif ukoll lill-kerrejja sabiex jibqa' jopera mill-istess fond, illi wara tletin sena huwa ġibed lejh ċertu reputazzjoni u klijentela;*

*Illi m'hemmx dubbju li jekk l-esponenti jiġu żgumbrati u ma jithalliex jibqa' jiġġestixxi n-negozju tieghu mill-hanut imsemmi, huwa ser isofri*

*preġudizzju gravi u dan kif ser jiġi pruvat aħjar waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dan il-Bord jogħġbu:*

1. *Jiddikjara illi jekk l-esponenti ma jibqax jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond ossija ħanut mertu ta' dan ir-rikors huwa ser isofri preġudizzju gravi;*
2. *Jawtorizza lill-esponenti sabiex jibqa jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond ossija ħanut imsemmi għall-terminu ta' għaxar snin jew terminu ieħor li l-Bord jidhirlu xieraq li jistabbilixxi ai terimini tal-Artikolu 1613(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *Jiffissa kera ġusta li tapplika wara l-31 ta' Mejju, 2018 wara li jieħu kont ukoll il-ħruxija tal-konsegwenzi li dina l-kera jista' jkollha fuq l-esponenti u dan kif jipprevedi l-Artikolu 1613(6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
4. *Jieħu dawk il-miżuri ulterjuri u permissibbli mil-Liġi li l-Bord iħoss xierqa.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif preċedentement presedut tal-25 ta' Mejju 2018[2].

Ra r-risposta tal-intimati sidien tal-fond datat 28 ta' Ġunju 2018[3] fejn, *ad litteram,* ġie eċċepit hekk:

[2] A fol 4 tal-proċess.
[3] A fol 6 tal-proċess.

1. *Illi preliminarjament l-gudizzju mhux integra ghaliex il-fond gie moghti b'sullokazzjoni lil Raymond u George Tabone u r-rikors huwa f'isem George Tabone biss.*

2. *Illi preliminarjament u minghajr preġudizzju ghal fuq espost hemm hafna iżjed sidien ta' dan il-post mill-persuni msemmija fir-rikors.*

3. *Illi fil-mertu u bla preġudizzju ghal premess jiġi rilevat li a tenur ta' l-Artikolu 1613(2) tal-Kap 16 il-perjodu t'estensjoni tal-kirja premessa li ghandu jiġi determinat minn dan l-Onoroabbli Bord ma ghandhux ikun t'aktar minn sena u dan billi l-lokazzjoni qieghed jiġġedded ghal perijodi ta' sena kull darba;*

4. *Illi fil-mertu u minghajr preġudizzju ghal premess ma huwiex minnu li jekk ir-rikorrenti ma jibqax jiġġestixxi n-negozju tieghu mill-fond mertu ta' dan ir-rikors huwa ser isofri preġudizzju gravi, filfatt jekk il-kirja tigedded huma s-sidien li ser isofru preġudizzju serju u gravi billi ilhom hafna żmien jirċievu kera irrizorja u ferm baxxa meta wiehed iqis li dan huwa hanut fi Triq ir-Repubblika;*

5. *Illi minghajr preġudizzju ghal fuq espost jekk ser jiġi fissata kera ġusta din l-kera ghandha tinghata kollha kemm hi lis-sidien billi huma qeghdin isofru l-akbar preġudizzju bl-estenzjoni ta' l-istess;*

6. *Illi l-esponenti jixtiequ jiehdu l-fond lura bil-pussess vakanti u ma jixtiequx igeddu l-lokazzjoni.*

7. *Illi l-esponenti qeghdin minn issa jirriservaw minn issa d-dritt li jibdew dawk il-proceduri kollha opportuni fil-Qorti kompetenti inklus in konnessjoni mad-drittijiet fundamentali taghhom billi ir-rikors odjern ma huwa xejn ghajr tentattiv li jiġi perpetwat l-ksur tad-dritt tal-proprjeta ta' l-esponenti u l-familjari taghhom.*

8. *Illi bla preġudizzju ghal premess l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tuża l-poter taghha a tenur ta' l-Art.1613(5) sabiex tul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza l-inkwilin jiġi ordnat ihallas lis-sidien il-kera mensili fl-ammont ta' tlett elf euro (€3,000) u dana bhala kumpens ghall-okkupazzjoni ta' l-istess fond u minghajr preġudizzju ghal kwalsiasi deċiżjoni ahhari ta' dan l-Onorabbli Bord, u dan billi l-fond in kwistjoni f'Strada Rjali bejn il-Qorti u l-Palazz faċilment jikseb kera ta' mitt euro kuljum.*

9. *Salv eċċezzjonijiet ohra.*

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2018[4] fejn dan il-Bord kif preċedentement presedut kien ħatar lil Periti Mario Cassar u Elena Borg Costanzi sabiex jagħmlu stima tal-kera kurrenti tal-ħanut in kwistjoni.

---

[4] A fol 14 tal-proċess.

Ra r-risposta tal-inkwilini datata 19 ta' Ottubru 2018[5] fejn, *ad litteram*, ġie eċċepit hekk:

1) *Fil-vesti taghhom ta' eredi ta' wiehed mill-inkwilini oriġinali (ossija Carmelo Farrugia) u inkwilin oriġinali, rispettivament, ai termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni tal-1983, jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju ta' dan l-Onorabbli Bord;*

2) *Illi, l-esponenti, umilment jissottomettu li tkun xi tkun id-decizjoni ta' dan l-Onorabbli Bord, huma m'ghandhom ikun assoggettati ghall-ebda spejjez;*

3) *Illi l-esponenti jirriserva d-drittijiet kollha taghhom fil-ligi, inkluż kull li jressqu kull eċċezzjoni li talvolta tkun permessibbli.*

Ra r-rapport tal-Periti nominati datat 7 ta' Frar 2019[6].

Ra x-xhieda tar-rikorrent u tal-Perit Stephen Farrugia[7].

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2019[8] fejn il-Bord kif preċedentement presedut ordna lir-rikorrent sabiex iħallas l-ammont ta' ħamsa u tletin Ewro (€35)

[5] A fol 17 tal-proċess.
[6] A fol 20 *et seq* tal-proċess.
[7] It-tnejn magħmula waqt is-sedua tal-10 ta' April 2019.
[8] Verbal relattiva jinsab a fol 36 tal-proċess.

kuljum mid-data tal-1 ta' Ġunju 2018 sad-data tas-sentenza finali. Dan id-digriet ġie aktar kkjarifikat mbagħad permezz ta' digriet ieħor tad-2 ta' Diċembru 2019[9].

Ra x-xhieda ta' Marthese Debono, bħala rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar[10].

Ra r-rikors ta' Michael Darmanin, Joanna Darmanin, Paul Darmanin u Philippa Darmanin datat 4 ta' Novembru 2021[11], fejn għar-raġunijiet hemm indikata talbu sabiex jassumu l-atti flok Joseph Darmanin, li kien ġie nieqes. Dan ir-rikors ġie milqugħ permezz ta' digriet mogħti minn dan il-Bord kif qabel presedut waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2021[12].

Ra d-dokument ippreżentat mis-sidien intimati waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2021[13].

Ra l-ħatra tal-President ta' Malta datata 5 ta' Marzu 2023 magħmula ai termini tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta[14].

Ra l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan il-Bord presedut mill-illum Imħallef Josette Demicoli ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut[15].

---

[9] A fol 57 tal-proċess.
[10] Magħmul waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020.
[11] A fol 94A tal-proċess.
[12] A fol 95 tal-proċess.
[13] Nota relattiva tinsab a fol 97 tal-proċess.
[14] A fol 105 tal-proċess.
[15] A fol 106 *et seq* tal-proċess.

Sema t-trattazzjoni finali magħmula minn Dr. Philip Manduca u Dr. Mark Refalo biss, fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2023[16]. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidra;**

Illi in suċċint, il-provi f'din il-kawża kienu s-segwenti.

Illi r-rikorrent[17] ikkonferma l-kuntratt eżebit mar-rikors promotur. Jgħid li fis-sena 2019 (wara l-preżentata tal-kawża) mar għand Locations Valletta, sabiex dan jagħtu ideja ta kemm jinkera l-fond tiegħu u qalu li l-ammont bejn €35 u €40 kulljum huwa prezz raġonevoli. Jgħid li l-post m'huwiex tajjeb għall-*catering*. Jgħid li fl-aħħar erba', ħames snin il-post kien qiegħed jagħmet *turn over* ta' xi €73,000. Jgħid li meta taqta' l-ispejjeż kollha kien jibqa' qliegħ biss ta' xi tnax il-elf Ewro (€12,000) u jgħid li jekk togħla l-kera bil-mod indikat kien sejjer jagħmel telf. Jgħid li għandu ħwienet oħra li joperaw minn Birkirkara u Raħal il-Ġdid u li dejjem onora dawk l-iskritturi ta' kirja. Għalkemm jipprometti li kien sejjer jeżebixxi dokumenti finanzjari, dan m'għamlu qatt.

Illi xehed ukoll il-Perit Stephen Farrugia[18]. Ix-xhieda tiegħu kienet ikkonċentrata fuq kemm għanda tkun il-kirja u jikkonferma li l-fond ma jistax jinħariġlu permess tal-*catering* minħabba diversi raġunijiet. Dan ġie wkoll konfermat mix-xhieda ta' Marthese Debono[19] bħala rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar.

---

[16] Din tinsab a fol 113 tal-proċess.
[17] Xhieda tal-10 ta' April 2019. Din tibda a fol 26 tal-proċess.
[18] Xhieda tal-10 ta' April 2019. Din tibda  a fol 33 tal-proċess.
[19] A fol 86 tal-proċess.

**Mertu**

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent jiddikjara li qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq l-artikolu 1613(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[20]. Huwa dan l-artikolu li huwa applikabbli għal dan il-każ għaliex il-kuntratt oriġinali, li sar fis-sena 1983, kien sar mal-kerrejja biss u ma sar l-ebda kuntratt ieħor. Dan l-artikolu kien (għaliex ir-rikors kellu jidħol sal-31 ta' Mejju 2018) jippermetti lil xi sub-inkwilin sabiex iħejji rikors fejn jitlob li jibqa' jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond mikri. Fi kliem il-liġi stess però dan il-Bord m'għandux jilqa' dik it-talba kemm-il darba r-rikorrent ma jissodisfax lill-Bord illi jekk huwa ma jibqax jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond huwa jsofri preġudizzju gravi.

Illi huwa ċar li l-leġislatur impona oneru ta' ċertu gravitá fuq sub-inwkilin sabiex jirnexxilu f'din it-tip t'azzjoni. Dan hekk għandu jkun għaliex b'dik it-talba il-Bord ikun qiegħed jerġa jagħti effett għal kuntratt li legalment ikun spiċċa[21]. Huwa propju għalhekk li l-liġi teżiġi li s-sub-inkwilin juri b'mod sodisfaċenti li jekk mhux sejjer jitħalla jopera anke wara l-iskadenza legali, kien sejjer isofri preġudizzju[22]. Aktar minn hekk, il-liġi trid li l-preġudizzju jkun wieħed gravi u

---

[20] Teknikament, id-dritt t'azzjoni jitwieled mill-artikolu 1613(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[21] Il-*proviso* tal-artikolu 1613(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"Iżda għar-rigward ta' sullokazzjonijiet ta' fondi kummerċjali li saru qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, dawn għandhom jintemmu fil-31 ta' Mejju, 2018 soġġett għal dak provdut f'dan l-artikolu ħlief meta jkunu saru bi ftehim tas-sid, f'liema każ dawk is-sullokazzjonijiet għandhom ikunu regolati b'tali ftehim...."*

[22] Dwar dan il-Bord jirriferi għad-Dibtattiti Parlamentari dwar l-emenda in kwistjoni, li seħħet mal-miġja tal-Att VIII tas-sena 2018. Il-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2018, kien qal hekk dwar l-oneru tas-sub-inkwilin: *"Wieħed irid jagħmel rikors quddiem il-Bord tal-Kera u dan irid jara ċ-ċirkostanzi kollha, jiġifieri r-rikors ma jridx ikun ta' nofs paġna imma jrid ikun imlaħħam u fih wieħed jispjega ċ-ċirkostanzi personali kollha għaliex għandu bżonn il-ħanut, fost affarijiet oħrajn."* Tajjeb li l-Bord jirrimarka li ma hemm xejn ħażin li jiġu utilizzati dibattiti parlamentari sabiex jiġu ċċarati interpretazzjonijiet tal-liġi. F'dan is-sens, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Bartolo**

għalhekk huwa ċar li l-preġudizzju ma jistax ikun ikkumparat ma sempliċi diżaġju. Mela l-oneru huwa fuq ir-rikorrent, u l-oneru m'huwiex wieħed faċli għax irid jegħleb stat ta' fatt legali li s-sub-inkwilinat huwa diġà mitmum. Jekk dan ifalli, allura l-Bord huwa marbut bl-eventwali ċaħda tat-talba[23].

Illi għalhekk, ir-regoli ordinarji tal-grad tal-prova meħtieġa, fil-fehma ta' dan il-Bord, huma aktar aċċentwati f'dan il-każ.

Illi jkollu jiġi mistqarr li jekk verament ir-rikorrent ried juri dan il-preġudizzju gravi kien jeħtieġlu jipprova l-każ tiegħu b'mod ferm aktar akkurat, attent u bi provi oġġettivament tajbin u sobrji[24]. Fil-fehma tal-Bord, dan m'għamlux.

Illi l-unika prova li għandu l-Bord fil-veritá, apparti kwistjonijiet relatati mal-valur lokatizzju tal-fond fis-suq, hija x-xhieda tar-rikorrent biss[25]. Madankollu

***et* vs Anthony Deguara *et,*** (App Ċiv Nru: 468/2012) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Diċembru 2015 u kif ukoll s-sentenza fl-ismijiet **Dr. John Vassallo vs L-Awtoritá tat-Trasport f'Malta,** (App Ċiv Nru: 288/14) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Jannar 2015 (l-appell minn din l-aħħar deċiżjoni ġie dikjarat tardiv permezz ta' sentenza datata 15 ta' Diċembru 2015).

[23] Fi kliem il-liġi stess: It-talba biex subinkwilin jibqa' jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond mikri għandha ssir b'rikors preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, 2018 u dik it-talba għandu jkun fiha r-raġunijiet li għalihom tkun qiegħda ssir. **Il-Bord m'għandux jilqa' dik it-talba kemm-il darba r-rikorrent ma jissodisfax lill-Bord illi jekk huwa ma jibqax jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond huwa jsofri preġudizzju gravi. (enfasi tal-Bord).**

[24] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina et vs John Portelli et,** (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq ilparti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."*

[25] F'dan is-sens utli l-kliem li jgħid l-awtur **Giorgio Bianchi** fejn ġustament jispjega li *"Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte."* – CEDAM, 2009, a fol 172.

ma hemm xejn li jindika x'preġudizzju sejjer isofri r-rikorrent jekk jieqaf jopera minn dan il-ħanut. Pjuttost, ir-rikorrent iffoka fuq il-preġudizzju li sejjer ibagħti skond l-għoli tal-ammont ta' kera li kellha tiġi stabbilita, għalhekk il-konċentrazzjoni tal-provi tiegħu kienet sabiex il-Bord jnaqqas b'kemm jista' l-kera l-ġdida. Madankollu, kellu l-ewwel u qabel kollox juri l-preġudizzju gravi li kien sejjer isofri jekk dan il-Bord ma jilqax it-talba tiegħu, ħaġa li fil-fehma ta' dan il-Bord ir-rikorrent naqas milli jagħmel.

Illi mix-xhieda tar-rikorrent jirriżulta ċar li huwa jopera minn żewġ ħwienet oħra u li għalhekk dan il-fond m'huwiex l-uniku sors t'introjtu tiegħu. Terġa u tgħid, ir-rikorrent stess jgħid li dan huwa fond żgħir; mingħajr permess għall-*catering* u li sa issa ġablu introjtu baxx. Jgħid ukoll li ma jkunx jista' jlaħħaq ma kera ġdida għaliex jispiċċa jagħmel telf. Għal dan il-Bord, huwa r-rikorrent stess li kkonferma li l-preġudizzju li sejjer issofri huwa ferm il-bogħod mill-gravitá li trid il-liġi. B'żieda ma dan, ir-rikorrent naqas milli jeżebixxi d-dokumentazzjoni finanzjarja li wiegħed li sejjer jgħaddi lil Bord, u li potenzjalment setgħu jinfluwixxu fuq din id-deċiżjoni. Ma jistax allura jkun aggravat ma dan il-Bord jekk dan joqgħod fuq il-kelma tiegħu rigwardanti dan l-introjtu baxx li jgħid li għamel issa għal diversi snin. Għar-rikorrent, f'din il-kawża, tgħodd hawn l-espressjoni Ingliża li r--rikorrent "missed the woods for the trees", għaliex aktar għamietu l-kwistjoni tal-kera milli dak li kellu jipprova *in primis* u ċioé l-preġudizzju gravi. Peró, kif rajna, m'hijiex ħaġa skontanta li kull sub-inwkilin għandu raġun fit-talba tiegħu, sempliċiment għax hekk jaħseb. Irid jipprova dan b'mod sew[26].

[26] F'dan il-każ jgħoddu sew il-kliem tal-ġurist **Piero Calamandrei** meta dwar l-neru tal-prova u l-attivitá tal-parti f'proċess ġudizzjarju jgħid hekk: *"....non si puó non ricordare la grande ingengnositá psicologica colla quale funziona, in tutta la dinamica del processo, ma specialmente in quella probatoria, quel meccansimo tipico del liberalismo processuale che é*

Illi mbagħad, hemm kunsiderazzjoni oħra, li, għalkemm anċillari, għandha ssir. Waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri[27], dan il-Bord kif preċedentement presedut kien diġà ordna li mill-1 ta' Ġunju 2018 u pendenti l-proċeduri sa din is-sentenza r-rikorrent kellu jħallas l-ammont ta' ħamsa u tletin Ewro (€35) kulljum (nofs lis-siden u nofs lill-inkwilini) u dan wara eżami tajjeb tal-artikoli 1613(5) u 1613(7) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa, fil-verbal tas-17 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrent iddikjara li l-kera kienet mħallsa sa Jannar tas-sena 2020 u li fi żmien tmienja u erbgħin siegħa wiegħed li kien sejjer jagħmel il-pagament skond l-istess[28]. Dikjarazzjoni din li għandha l-effetti legali tagħha[29].

Illi madanakollu rriżulta li r-rikorrent ma baqax iħallas il-kera kif ordnat li jagħmel u b'hekk ma kienx fejjiedi la mad-dikjarazzjoni tiegħu u wisq anqas mad-digriet ta' dan il-Bord kif preċedentement presedut. Rispettosament, kif jaraha dan il-Bord, x'aktarx il-preġudizzju jsoffruħ aktar l-inkwilini intimati jekk ir-rikorrent jibqa' jopera mill-fond milli kif awspika li jipprova r-rikorrent.

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord isib li l-azzjoni tar-rikorrent ma timmeritax akkoljiment u konsegwentement għandha tiġi miċħuda.

---

*l'onere: per mezzo del quale la parte e sola responsabile della sua sorte processuale, ed e lasciata libera di modificare colla propria attività o di lasciare invariata colla propria inerzi la propria situażione giuridica nel processo."* Opere Giurdiche, Vol I, Problemi Generali del Diritto e del Processo, Roma TrE-PRESS, stampat wara awtorizzazzjoni mill-eredi tiegħu fis-sena 2019, a fol 558.

[27] Inizjalment permezz ta' digriet mogħti fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2018 u mbagħad ikkonfermat permezz ta' digriet tas-2 ta' Diċembru 2019.

[28] Ara verbali a fol 52 tal-proċess.

[29] Fost diversi l-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Silvio vs Corinthia Palace Hotel Company Limited,** (App Ċiv Nru: 14/2008) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Frar 2009 fejn reġa ġie mfakkar hekk: *"Il-verbali jagħmlu fidi tal-kontenut tagħhom u, kif inhu magħruf, jorbtu lill-kontendenti bis-saħħa tal-kważi-kuntratt ġudizzjali"*

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-rikorrent[30].

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[30] Artikolu 40 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.